**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u hamsa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar it-Tlieta 4 ta' Novembru 2014 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

1. **Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta, *Misnt SMM(UK), MCIM (UK), MBA (Maastricht), **Chartered Marketer*** | Kunsillier |

**Assenti**

Is-Sur Christian Sammut, Vici Sindku.

2. **Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

3. **Approvazzjoni tal-Minuti Seduta Nru 344**

Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 344. Il-Minuti ta' Seduta Nru 344 ġew approvati unanimament.

Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 345. Il-Minuti ta' Seduta Nru 345 ġew approvati unanimament.

4. **Punti li joħorġu mill-Minuti Seduta Nru 344**

a) Is-Sindku talab li jigi diskuss Punt Nru 3 – Tender Playingfield Equipment & Rubber Flooring, li mistenni jigi diskuss fil-minuta li jmiss.

b) Is-Sindku talab li jigi diskuss il-Progett tal-Gabbana fi Pjazza San Pawl. Is-Sindku fisser li jidher li hemm decizjoni unanima dwar ix-xoghol tal-gabbana, izda kien hemm dizgwit dwar il-parkegg propost. Is-Sindku spjega li mill-hin li ghadda fi Pjazza San Pawl innota li qed isir parkegg xorta wahda u dan taht ghajnejn il-Pulizija li qatt ma jiehdu azzjoni. Dan il-parking mhuwiex biss abbuziv izda qed johloq

ostaklu ghat-Transport Pubbliku. Il-Kunsillier Judith Bugeja kkonfermat li fl-antik, fil-pjazza, kien hemm dahla ghat-Transport Pubbliku. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lil membri li hu ma jaqbilx mal-parkegg propost ghaliex kif inhu bhalissa diga qed isir parkegg fuq id-double yellow lines u bit-timed parking scheme mhux se tissolva l-problema. Il-Kunsillier Cedric Valletta jemmen li hadd m'ghandu dritt jiehu spazju tal-Hamrunizi ghal parkegg. Ghaldaqstant ma jistax jaqbel. Il-Kunsillier Mario Caruana jemmen li l-mod ta' parkegg bhalissa huwa wiehed imhanzer, ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jmur ghal parkegg propost. Il-Kunsillier Judith Bugeja staqsiet jekk hux se jkun hem parkegg riservat ghall-persuni b'dizabilita'. Is-Sindku nfurma lil membri li jekk il-MEPA thoss li hemm bzonn Reserved Parking, il-MEPA tista' tippretendi li jsir. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li hi taqbel mal-Kunsillier Mario Caruana ghaldaqstant taqbel li l-progett ghandu jsir bil-parkegg. Il-Kunsillier Cedric Valletta gibed l-attenzjoni li skont il-Minuti, meta giet diskussa din il-Minuta kien hemm nuqqas ta' kunsillier u ma ttehiedx vot. Huwa staqsa jekk illum, fl-assenza ta' kunsillier, hux se jsir l-istess.

Hawn is-Sindku, qabel il-Kunsill mar ghall-vot, staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv, jekk il-Vici Sindku nfurmahiex dwar in-nuqqas tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li sakemm daħlu għas-Seduta ma kellha l-ebda notifikat mingħand il-Viċi Sindku. Għaldaqstant is-Sindku talab li l-Kunsill imur għal vot dwar dan il-proġett.

Ivvutaw is-sitt kunsilliera prezenti. 3 Favur (Is-Sindku, l-Kunsillier Mario Caruana u l-Kunsillier Carmen Borg) u 3 Kontra (l-Kunsilliera Cedric Valletta, Antonello Cuschieri u Judith Bugeja)

Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li f'dan l-istadju ghandu jintuza l-Casting Vote tas-Sindku.

Is-Sindku vvota favur il-progett.

Ghaldaqstant gie deciz li l-Kunsill johrog in-No Objection ghal dan il-progett kif propost.

## 5. ISTRINA 2014

Il-Kunsillier Carmen Borg talbet tintervjeni sabiex tinfurma lill-membri bl-attivitajiet in konnessjoni mal-Istrina 2014, qabel il-Kunsillier Judith Bugeja tkun skuzata.

Il-Kunsillier Borg spjegat dak li ntqal waqt il-Laqgha li l-Kunsilliera kellhom mal-President tar-Repubblika, fejn infurmat lil dawk prezenti li l-kazi tal-cancer zdiedu u anke l-ispejjez tal-kura. Il-Kunsillier Borg infurmat lill-membri li l-President talbet li l-kunsilliera jaghmlu gbir ta' fondi door to door, fil-lokalita'. Il-Kunsillier Borg infurmat lill-membri li qed tippjana Bake Day u qed tipprova ggib sponsorship tal-ingredjenti mehtiega u se titlob l-approvazzjoni tal-Kappillan tal-Parrocca San Gejtanu sabiex il-bejgh isir minn fuq iz-zuntier. Il-Kunsillier Borg issuggeriet li tinvolvi l-NGOs tal-lokalita' billi jorganizzaw attivita' ghall-Istrina 2014.

Il-Membri qablu ma dawn il-proposti.

Il-Kunsillier Cedric Valletta ssuggerixxa li ssir enfazi fuq il-bejgh tal-Ktieb 'Tisjir mill-Qalb'.

Il-Kunsillier Judith Bugeja talbet li tkun skuzata. Hi harget mil-laqgha fis-6.30p.m.

Is-Sindku nfurma lill-membri li nhar it-Tnejn 3 ta' Novembru, hu kellu laqgha mal-President tar-Repubblika fejn giet diskussa r-rotta tal-Fun Run tal-President. Is-Sindku nfurma lill-membri li din is-sena l-Fun Run se tibda minn 4 bnadi differenti, ghaldaqstant huwa mahsub li n-nies li tghaddi minn Triq il-Kbira San Guzepp se tonqos drastikament. Huwa nfurma lill-membri li mistenni jiddiskuti mal-ghaqdiet lokali sabiex bhas-snin l-imghoddija tinholoq l-atmosfera festiva li tigi organizzata kull sena.

## 6. Xiri ta' Kotba

Il-Kunsillier Cedric Valletta staqsa minn fejn jinxtraw il-kotba tal-Librerija Pubblika. Il-Kunsillier Carmen Borg ikkonfermat li dawn il-kotba jinxtraw minn hwienet indikati mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, skont l-iskema. Il-Kunsillier Cedric Valletta gibed l-attenzjoni li ommu sselfet ktieb mil-Librerija u skont il-prezz indikat fuqu jiswa € 8.97. Meta wiehed ihares lejn dan il-ktieb ma jaghtix l-impressjoni li jiswa dan il-prezz. Hu talab li l-Kunsill joqghod attent meta jinxtraw dawn il-kotba.

## 7. Punti li johorgu mill-Minuti Nru 345

### a) Festival tac-Cikkulata 2014

Is-Sindku rrefera ghall-korrispondenza tal-Hobbies Society u nfurma lill-membri li kemm il-membri tal-Hobbies Society kif ukoll s-Sur Alfie Guillaiumier ikkonfermaw li l-Festival tac-Cikkulata 2014 kien success.

### b) Wifi fi Pjazza San Pawl

Is-Sindku nfurma lill-membri li ltaqa' mas-Sur Stephen Muscat mill-MCA dwar il-problema tal-Wifi fi Pjazza San Pawl, fejn spjega d-diffikultajiet tar-residenti u li d-decizjoni li ttiehed mill-Kunsill bl-ebda mod ma kienet wahda diskriminatorja. Ghaldaqstant gie deciz li titnaqqas ir-range tal-Wifi ghal gol-pjazza biss.

## 8. Hamrun Business Forum

Is-Sindku nfurma lill-membri li fl-ahhar f'dan il-Forum qed naraw progress. Il-Kunsillier Cedric Valletta gibed l-attenzjoni sabiex meta tintbaghat email lill-businesses ghal-laqgha, tintbaghat ittra wkoll. Ghaldaqstant, il-Kunsill ghandu jibghat reminder ghal-laqgha li jmiss.

Il-Kunsillier Cedric Valletta staqsa ghaliex l-NGOs u l-businesses qed jigu msejjha flimkien meta dawn ghandhom Agendi differenti. Is-Sindku nfurma li ghal-laqgha li jmiss se jkun qed jattendi s-Sur Reginald Fava u s-Sur Ray Abela minn TCTC.

Il-Kunsillier Cedric Valletta gibed l-attenzjoni sabiex il-handymen iduru t-tabelli tal-1hr parking, ghaliex hafna minnhom inkixfu. Ikun opportun li dawn it-tabelli jitghattew b'boroz bojod.

Il-Kunsillier Cedric Valletta staqsa fhiex wasal il-Progett ta' tisbih ta' Triq il-Kbira San Guzepp. Is-Sindku nfurma lill-membri li bhalissa hemm is-sejha ghall-offerti miftuha u minhabba l-flus li tinvolvi jkollha tithaddem il-procedura ta' tendering skont l-istandards tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsillier Cedric Valletta talab li sal-ewwel gimgha ta' Jannar l-Kunsill jikkonkludi l-progett tal-Web Application.

Il-Kunsillier Cedric Valletta staqsa ghall-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Karnival Spontanju fil-Hamrun. Il-Kunsillier Valletta gibed l-attenzjoni li diga ninsabu f'Novembru u ghaldaqstant l-Kunsill ghandu jibda' jahseb ghal din l-attivita'.

9. **Adjudication Report – Playing field Equipment & Rubber Flooring in Gnien Anton Buttigieg.**

Is-Segretarju Ezekuttiv iccirkolat kopja tal-Adjudication Report imhejji mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsillier Cedric Valletta gibed l-attenzjoni li  ad mill-Kunsillier ma huwa teknika f'dawn l-affarijiet, ghaldaqstant huwa inutli li jaraw ir-rapport. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li kif qieghed ir-rapport qed jaghti x'jifhem li qed jintrabat mal-prezz u mhux mal-kwalita'. Il-Kunsillier Mario Caruana qal li galadarba l-Kunsill ghandu r-rapport tal-Perit, li huwa persuna teknika, ghandu joqghod fuq dak li hemm fir-rapport.

Il-Kunsill iddeċieda li jmexxi skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Perit u għaldaqstant tingħażel l-orħos offerta .

10. **Bord tal-Aggudikazzjoni 'Maintanance of Parks and Gardens'**

Il-Kunsillier Cedric Valletta sahaq li hu jibqa' tal-fehma li l-Kunsill m'ghandux x'jambi dawn il-Kuntratt. Huwa jemmen li l-Kunsill ghandu jkollu gardinar *full-time* li jiehu hsieb kollox hu.

Is-Sindku ppropona li l-Bord tal-Aggudikazzjoni jkun iffurmat minnu flimkien mal-Kunsilliera Carmen Borg u Antonello Cuschieri.

11. **Resurfacing Triq Kanonku Bonnici**

Is-Sindku nfurma lill-membri li Triq Kanonku Bonnici, minn Triq Villambrosa sa Triq Kappillan Mifsud għandha tingħata attenzjoni u jsir xogħol ta' asphalt sabiex it-triq tkun kompluta kollha.

12. **Vandaliżmu, Rimi ta' Skart u Żamma ta' Letrini Pubbliċi**

Il-Kunsillier Mario Caruana staqsa jekk is-sistema ta' CCTV Cameras hux qed taħdem jew le u x'azzjoni qed tittieħed. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li s-CCTV taħdem u l-visual tagħha huwa ċar ħafna, tant li persuna tingħaraf.

Il-Kunsillier Mario Caruana saħaq li għar-residenti huwa l-Kunsill li mhux jieħu azzjoni u mhux il-Pulizija.

Is-Sindku nfurma lill-membri preżenti li hu jinsab f'kuntatt mas-Supretendent dwar dan il-każ, iżda jidher li qed isir tkaxkir tas-saqajn f'dan il-każ.

Il-Kunsillier Cedric Valletta nfurma li fi Triq Indri Cilia hemm 2 muturi mgħottija li kellhom tabella mimlija theddid. Issemma wkoll kif ftit l'l fuq hemm vann mimli mbarazz bla liċenzja.

Is-Sindku nfurma lill-membri li hu qed jagħmel pressjoni mal-għola awtoritajiet iżda baqa' ma sar xejn.

**13. Skeda ta' Ħlasijiet**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

**14. Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti**

a) Il-Kunsillier Mario Caruana talab li jsir inventarju tal-għodda li għandu l-Kunsill, fil-garaxx tiegħu.

b) Il-Kunsillier Cedric Valletta gibed l-attenzjoni li ma tressaqx rendikont tal-Income & Expenditure tal-Festival taċ-Ċikkulata. Is-Sindku nfurma lill-membri li qed nistennew ir-rendikont mingħand is-Sur Mario Camilleri.

c) Skema Attivitajiet Kulturali – Il-Kunsill ġie nfurmat li nħarġet l-iskema Attivitajiet Kulturali. Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema, fosthom il-Festival taċ-Ċikkulata. Is-Sindku nfurma lill-membri li se jressaq applikazzjoni oħra għall-attivita' kulturali oħra, iżda għalissa ma jixtieqx jikkummenta dwarha.

d) Korrispondenza – Josef Spiteri Banda Kunċizzjoni – Il-Kunsillier Mario Caruana u l-Kunsillier Cedric Valletta m'għandhomx x'jikkummentaw. Is-Sindku qal li l-unika distinzjoni li jagħmel il-Kunsill huwa f'Jum il-Ħamrun, fejn il-Kunsill jorganizza Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'kull parroċċa. Għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jittollera diskors li neħħejna l-attivita' mill-Parroċċa. L-argument ma jreġġiex għaliex bl-istess argument tas-Sur Spiteri, il-Parroċċa San Gejtanu kemm għandhom għax igergru, meta din l-attivita' saret 5 darbiet fil-Parroċċa tal-Kunċizzjoni. Is-Sindku efasizza li l-Kunsill qatt ma ddistingwa Parroċċa minn oħra, anke f'Jum il-Ħamrun, għax il-Kunsill ħa ħsieb li tiddaħħal anke l-Knisja San Franġisk.

e) Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa fhiex wasal ix-xogħol tar-road hump fi Pjazza Kappillan Muscat. Is-Sindku nfurma lis-Sur Cuschieri, li x-xogħol jinsab ordnat.

f) Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-Kunsill li l-Belisha Lights taz-zebra crossing fi Triq il-Kbira San Guzepp, quddiem Top Choice għadha mitfija. Dwar il-kwistjoni tal-belisha lights, is-Sindku mistenni jressaq din il-kwistjoni fil-laqgħa tas-Sindki għax il-Kunsilli Lokali m'għandhomx allokazzjoni ta' fondi għal dawn ix-xogħlijiet.

g) Inġibdet l-attenzjoni li z-Zebra Crossing li tinsab fi Triq il-Kappillan Mifsud, quddiem il-Mechanic, għandha arblu nieqes. Hemm bżonn li ssir pressjoni mad-Dipartiment konċernat sabiex dan l-arblu jerġa' jiġi nstallat.

h) Il-Kunsillier Cedric Valletta gibed l-attenzjoni sabiex issir pressjoni u jsir tindif madwar il-lokalita' in ġenerali speċjalment issa li ġej il-Milied.

i) Il-Kunsillier Mario Caruana nfurma lill-membri preżenti li matul il-ġimgħa d-dieħla fil-Kunsill se jerġa' jingħata s-servizz tat-tilqima tal-Influenza. Bħal kull sena s-servizz ta' nurses se jingħata mingħajr ħlas mis-Sinjuri Louise Farrugia, Joe Gusman u Charles Spiteri. Is-Sur Caruana nfurma li din is-sena għandna madwar 900 persuna.

j) Il-Kunsillier Mario Caruana fakkar lill-membri preżenti sabiex jippreparaw l-artiklu tagħhom għall-ġurnal ta' Diċembru. Il-Kunsillier Caruana qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiddaħħal paġna li turi l-atti vandali li qed isiru madwar il-lokalita', sabiex titqajjem kuxjenza, għaliex għar-residenti l-Kunsill mhu jagħmel xejn.

k) Il-Kunsillier Cedric Valletta staqsa jekk il-boroż li hemm mormija ħdejn il-letrina ta' Triq id-Duka t'Edinburgh, jinġabrux mill-iscammel.

l) Il-Kunsillier Mario Caruana fakkar lill-membri sabiex isiru 2 U-Bars sabiex jingħalaq l-aċċess fejn kien hemm iż-zebra crossing l-antika u ssir aktar żebgħa taz-zebra crossing, imqar darba fil-ġimgħa. Dwar din il-kwistjoni, s-Sindku ppropona li din iż-zebra crossing issir bil-paving blocks sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill ma joqgħodux ġejjin u sejrin jagħmlu manutenzjoni taż-żebgħa.

m) Il-Kunsillier Carmen Borg nfurmat li l-għada kellu jiġi organizzat Buffet Breakfast, fil-21 ta' Novembru se tiġi organizzata Ħarġa Kulturali u fil-Weekend tat-28,29 u 30 ta' Novembru 2014 se jinżamm il-Weekend Break. Barra minhekk infurmat lill-membri li mill-21 ta' Novembru, se jinbeda l-kors tad-drama. Dan il-kors se jinżamm free of charge mis-Sinjura Mary Zarb. Bħala ħin se jkun wara 12.00p.m.

n) Il-Kunsillier Carmen Borg tablet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġbor flus għall-Istrina 2014. Il-Kunsill approva li Carmen Borg tiġbor flus b'risq l-Istrina. Is-Sindku rringrazzja lis-Sinjura Borg sabiex toqgħod attenta għaliex minn fuq li tkun qed tagħmel att ta' karita', n-nies kattivi.

o) Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li qed ikollha bosta lmenti li l-letrina ta' Triq id-Duka t'Edinburgh qed tinżamm maħmuġa. Is-Sinjura Borg

ġibdet l-attenzjoni li skont it-tender iż-żewġ letrini għandhom ikollhom attendant li jolterna iżda dan mhu jidher fl-ebda ħin tal-ġurnata.

p) Is-Sindku nfurma lill-membri li t-traffic mangament fi Triq Wenzinu Mallia ġie perfett u llum mar mal-ħaddiema tal-Koptasin u se jsir traffic management aħjar.

q) Is-Sindku nfurma lill-membri li se jibda kors ta' Cake Decoration. Din nibtet wara li għamel kuntatt mat-tutor, Ms Glorianne Grima. Dan il-kors se jkun issussidjat għar-residenti tal-Ħamrun. Il-Kunsillier Carmen Borg ġibdet l-attenzjoni li dan il-kors seta' ngħata taħt l-iskema tal-Lifelong Learning. Barraminhekk staqsiet jekk il-Kunsill hux konxju mill-ħmieġ li jista' jkun hemm.

**15. Aġġornament.**

Il-laqgha ġiet aġġornata.

Il-laqgha ntemmet fis-8.00p.m.

____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
DATA